# ID-DWELL F'MALTA (3)



JOSEPH SERRACINO



Fiż-żmien il-Gran Mastru Manuel Pinto de Fonseca (1741 – 1773) ġie fostna ċertu Patrick Brydone, vjaġġatur Ingliż li kien żar bosta pajjiżi u kiteb dwar id-dwell li kien isir f'Malta (1770).

F'kitbitu huwa stqarr li aktarx mill-pajjiżi kollha li żar, f'Malta biss id-dwell kien imħolli li jsir u li dan aktarx minħabba l-fatt li l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann ġiet imwaqqfa fuq is-sisien ħorox u romantiċi tal-kavallerija.

Dan il-vjaġġatur ikompli jgħidilna li biex isir dan id-dwell kien hemm diversi regolamenti li wieħed ried bilfors josservahom biex ma jaqax taħt il-penali ħorox tal-liġi, fosthom li d-dwell seta' jsir biss fi triq waħda fil-Belt Valletta, u li d-dwell kien ikollu jieqaf jekk jintalab biex jieqaf minn mara, qassis jew kavallier.

Jekk wieħed joqgħod jikkonsidra dawn il-kondizzjonijiet jasal biex jgħid li d-dwell f'Malta aktarx kien isir biex il-protagonisti jagħtu wirja tal-ħilithom fl-użu tal-armi, iżda fil-fatt ma kienx hekk, għax Brydone stess isostni li huwa personalment għadd madwar għoxrin salib imħażżeż tul il-ħajt ta' din it-triq dejqa. Ċertament li dawn is-slaleb huma prova ċara li juru n-numru ta' vittmi li ħallew ħajjithom f'diversi dwellijiet li saru f'din it-triq, u li tħallew hemm biex ifakkru lil min kien jgħaddi millkruha ta' din id-drawwa.

Iżda fil-realtà l-istorja ma kinitx eżatt kif kitibha Brydone għax id-dwell kien isir f'bosta toroq tal-Belt Valletta, u li t-triq imsemmija, li ħafna kienu jassoċċjawha bi żball ma' Strada Stretta, ma kellhiex xi privileġġ fuq it-toroq l-oħra.

Hawn tajjeb li wieħed ifakkar li peress li l-kavallieri kienu jkunu mħarrġin tajjeb fl-użu tax-xwabel, xi wħud minnhom kienu jippreferu li jiddwellaw fi triq dejqa biex ix-xwabel tagħhom jilħqu lil xulxin sewwa u ħadd minnhom ma jkun jista' jerġa' lura minħabba d-djuq tagħha.

Peress li l-istatut tal-Ordni kien wieħed biex ngħid hekk reliġjuż, il-Gran Mastri ma kinux jieħdu pjaċir kull meta kienu jisimgħu li l-membri tagħhom ta' spiss kienu involuti fid-dwell bejniethom, u aktar u aktar meta d-dwell kien jispiċċa b'xi feriment serju jew b'mewt ta' wieħed mill-protagonisti.

Kif jaf kulħadd, peress li l-maġġoranza tal-kavallieri msieħba fl-Ordni kienu mnisslin mill-aqwa familji tal-Ewropa, din ir-realtà telgħet għar-ras ta' xi wħud minnhom, imliethom bissuppervja, u kif wieħed jista' jimmaġina, il-pożizzjoni tagħhom fis-soċjetà magħguna mal-bluha taż-żgħożija u l-abbiltà tagħhom fl-użu tal-armi, ma kinux jsibuha diffiċli li f'nuqqas ta' ftehim kienu jisfidaw lil xulxin għad-dwell.

Il-ħasra hi, li fil-pożizzjoni tagħhom ħadd minnhom ma seta' jirrifjuta l-istedina għad-dwell, saħansitra anke jekk l-isfidant jkun jaf li l-avversarju tiegħu hu mħarreġ aktar minnu fl-armi u li l-aċċettazzjoni tiegħu għad-dwell kienet tfisser mewt ċerta.

Il-ħajja hi sabiħa ħafna, iżda xi kultant niltaqgħu ma' ċirkostanzi li ma jħalluniex liberi fl-għażla tagħna u xi drabi aktarx ikollna nagixxu kontra r-rieda tagħna biex nogħġbu lil dawk ta' madwarna. Din hi l-ironija tal-ħajja! Għax waqt li kull kavallier li kien jirrifjuta dwell kien jiġi mfaħħar mill-Ordni għad-dehen u l-għaqal tiegħu biex jevita t-tixrid tad-demm, ir-rifjut tiegħu f'għajnejn sħabu kien ifisser dgħjufija. F'ċirkustanzi simili, fejn l-individwu kien ikollu għażla bejn il-valuri Nsara li hu kien jemmen fihom u t-telf ta' ġieħu u talfamilja tiegħu li hu ried ikompli jkaxkar miegħu tul ħajtu kollha, l-għażla kienet waħda – dik li jaċċetta l-istedina tad-dwell.

Id-diversi każi tad-dwell fost il-kavallieri jagħtuna stampa ċara li l-liġijiet ħorox li għamlet l-Ordni biex twaqqaf din id-drawwa fost il-membri tagħha ma swew għal xejn, għax xorta waħda xi wħud minnhom kienu jsibu mezz biex jaqtgħu l-għatx tal-vendetta tagħhom billi jiftehmu li jiltaqgħu f'postijiet 'il bogħod mill-ibliet u saħansitra anke barra x-xtut ta' dawn il-gżejjer tagħna.

Biex żgur l-Ordni tifrex ilkmand tagħha kif ukoll trażżan kemm tista' din il-pjaga li wara saret stigma, fiż-żmien il-Gran Mastru Antoine de Paule (1623 – 1636) wissiet li dawk il-kavallieri u n-novizzi, li jekk jinqabdu b'reati ta' dwell f'Malta, fi Sqallija, fuq ix-xwieni jew f'xi postijiet oħra jitqiesu bħala ħatja ta' dwell.

L-istess liġijiet kienu jorbtu wkoll lil dawk il-kavallieri li kienu jinqabdu jiddwellaw f'toroq oħra fil-Belt. Dawn kienu jiġu akkużati quddiem it-tribunal bħala ħajta tad-dwell u kienu jiġu mogħtija sentenza ta' ħabs fil-kastell ta' Sant' Anġlu jew jiġu eżiljati minn Malta.

Peress li ħafna mill-kavallieri kienu saru arroganti u d-dwell fost il-membri tal-Ordni żdied ħafna, insibu każi fejn kavallieri tal-istess lingwa ħajru li sħabhom jieħdu sehem magħhom fi dwell kontra kavallieri oħra.

Fl-10 ta' Ottubru 1657 fiż-żmien il-tmexxija tal-Gran Mastru Spanjol Martin de Redin (1657 – 1680 ) kienet saret liġi li kienet tgħid, li jekk isir xi dwell minn kavallieri jew novizzi, tnejn kontra tnejn jew iżjed b'kull għamla ta' arma, kemm f'Malta kif ukoll barra f'postijiet oħra jiġu mixlija bħala ħatja u jiġu mwaħħla skont l-istatut u l-ordinanzi li jittrattaw id-dwell.

Dwar dwell barra minn xtutna, Ġużè Gatt issemmielna każ li ġara fiż-żmien il-Gran Mastru Pinto de Fonseca (1741 – 1773) meta kavallier żagħżugħ Deonat Dolomieu waqt li kien jaqdi dmiru fuq ix-xwieni ġie insultat minn wieħed minn sħabu u stiednu għad-dwell li kien sar f'Gaeta u qatlu. Fra Deonat Dolomieu ġie arrestat, imneħħi minn kavallier u ssentenzjat għallgħomru l-ħabs, iżda middehra, dan iż-żagħżugħ kellu ħafna ħbieb fil-Kurja ta' Ruma u min jaqbeż għalih fil-qorti tar-Re ta' Franza għax wara disa' xhur priġunerija fil-kastell, il-Gran Mastru Pinto ħafirlu u daħħlu mill-ġdid fl-Ordni.

L-istoriċi tagħna jgħidulna wkoll li mhux kull dwell spiċċa ħażin. Insibu każ fejn l-intervent waqtu ta' kavallieri għen ħafna biex tberred il-qilla tal-protagonisti u ġie evitat it-tixrid tad-demm. Iżda xi kultant għalkemm fid-dieher wieħed jaħseb li tkun saret il-paċi, il-protagonisti jibqgħu miksurin daqs li kienu żewġ għedewwa.

Każ simili hu dan li ġej, fejn l-isfida għad-dwell ġiet irtirata u t-tilwima spiċċat b'wiċċ il-ġid. L-inkwiżitur Fabio Chigi, li kif nafu wara sar Papa u ħa l-isem ta' Alessandru VII, u li tifkira talħatra tiegħu nsibu lapida tal-irħam imwaħħla malknisja tal-Lunzjata tal-Birgu jagħtina diskrizzjoni ta' tilwima li saret fil-pjazza talpalazz fl-1636, u li kieku ma kienx l-intervent f'waqtu minn diversi kavallieri li inzertaw fuq il-post, kieku din it-tilwima kienet tispiċċa fi dwell.

Waqt li n-nobbli kavallier Prospero Colonna kien għaddej minn quddiem il-palazz tal-Gran Mastru (illum il-palazz tal-President) kien hemm ġemgħa ta' kavallieri li b'użanza u rispett neħħew il-kappell u sellmulu b'inkin profond, iżda ġara, li wieħed minnhom, ċertu Fra Pietro Cesarini baqa' bil-kappell f'rasu u dawwar ħarstu fuq in-naħa l-oħra qisu għalih ma kien għaddej ħadd.

Fra Prospero tant ħassu nsultat bl-aġir tal-kavallier Cesarini li resaq fuqu u sfidah għad-dwell, iżda l-intervent għaqli ta' bosta kavalieri mewtu l-qilla taż-żewġ kavallieri u evitaw it-tixrid tad-demm. Jidher ċar li bejn il-familji ta' dawn iż-żewġ kavallieri kien hemm l-imqiegħed għax ir-rikonċilazzjoni bejniethom ma saritx qabel il-kavallier Cesarini kiseb l-approvazzjoni mill-familja tiegħu.

Fl-1784 kienet ħarġet liġi li kienet tgħid li meta jsiru dwellijiet u dawn ma jispiċċawx b'mewt ta' wieħed mill-protagonisti, sew dak jew dawk li jkunu stiednu għad-dwell, kemm dak jew dawk li jkunu laqgħu l-istedina, kif ukoll dawk li b'xi mod ikunu għenu jew xewwxu għad-dwell jiġu mwaħħla lkoll il-piena ta' għaxar snin qdif fuq ix-xwieni, u din il-piena tista' tikber għal aktar żmien kemm-il darba jkunu kbar il-ġrieħi li jsiru fid-dwell.

Iżda jekk id-dwell jispiċċa bil-mewt, sew dawk li jiddwellaw, kemm dawk li taw xi għajnuna jew xewwxu, inkella kienu sħab ma' min iddwella jkollhom ilkoll il-piena tal-mewt.

*Ikompli f'ħarġa oħra*